**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 57/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Jon Lawrence Formosa**
**(ID 546993(M))**

**Illum: 31 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jon Lawrence Formosa** ta' 34 sena, iben John u Barbara nee` Colverson, imwieled ir-Renju Unit, nhar is-6 ta' Marzu 1978, residenti Nru 185, Hompesch Road, Fgura jew Nru. 32, Triq il-Portu Salvu, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 546993(M);

Akkużat talli nhar il-11 ta` Ottubru 2012, u fl-erba' xhur qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija

u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mil-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano nhar il-5 ta' Ġunju 2009, nhar it-3 ta' Lulju 2009 u nhar il-15 ta' Marzu 2010, kif ukoll sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar is-26 ta' Frar 2009, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Frar 2013, illi l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-11 ta' Ġunju 2013 u illi bdiet tinstema' quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar l-24 ta' Settembru 2013;

Rat illi l-istess kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:

**L-Ispettur Nikolai Sant** jixhed illi l-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat, li wasslet għall-proċeduri odjerni, bdiet in konnessjoni ma' investigazzjoni b'rabta mal-mewt b'*overdose* bl-eroina ta' ċertu Carmelo Abdilla. Spjega illi fil-kors ta' dik l-investigazzjoni, il-Pulizija tkellmet ma' xi persuni u ssemma l-imputat odjern. Fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-istess imputat,

u wara li saret osservazzjoni fuq ir-residenza tiegħu, 185, Triq Hompesch, Fgura, huwa ġie arrestat fil-11 ta' Ottubru 2012. Waqt tfittxija fir-residenza tiegħu nstabu xi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, iżda ma nstabet l-ebda droga.

Ix-xhud jgħid illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara wkoll illi ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-istqarrija tal-imputat, datata 11 ta' Ottubru 2012, ġiet esebita bħala Dok. NS 2. Sussegwentement, wara li tressaq il-Qorti fil-proċeduri odjerni, l-imputat talab li jitkellem max-xhud bil-permess tal-Qorti, kif jirriżulta mill-verbal tal-11 ta' Ġunju 2013 u kif fil-fatt għamel, u rrilaxxja t-tieni stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fl-20 ta' Ġunju 2013, li permezz tagħha nnega dak li kien stqarr fl-ewwel stqarrija u dan fis-sens illi huwa kien jitraffika d-droga u xeħet ir-responsabilita` dwar dan fil-konfront ta' dik li qabel kienet is-sieħba tiegħu, ċerta Philianne Ceci. Din l-istqarrija ġiet esebita bħala Dok. NS 3.

<u>In kontro-eżami</u>, li sar mill-imputat inniffsu, l-Ispettur Nikolai Sant jgħid illi l-fond in kwisjtoni kien mikri, iżda ma kienx jaf jgħid jekk dan kienx mikri lill-imputat jew lil Philianne Ceci. Ikkonferma li fil-pussess tal-istess imputat ma nstab xejn, iżda nstabu xi oġġetti relatati mad-droga taħt il-bir, fejn kien hemm is-sieħba tal-imputat ossia l-istess Ceci. Ix-xhud jikkonferma dak li ġie suġġerit lilu mill-imputat u ċioe` illi s-sieħba tiegħu kienet marret lejn il-bir u ġiet osservata ġejja lura minn ħdejh. Jikkonferma wkoll illi Ceci hija persuna magħrufa mal-Pulizija.[1]

**PS 279 Kevin Gauci** jixhed illi fil-jum tal-11 ta' Ottubru 2012, flimkien ma' Pulizija oħra mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, kienu qegħdin jagħmlu osservazzjoni fuq l-imputat u fuq id-dar ta' residenza tiegħu fl-indirizz 'New York', 185, Triq Hompesch, Fgura, fejn f'ħin minnhom innutaw persuna tersaq lejn id-dar tar-residenza tal-imputat. Din il-persuna dehret tidħol wara l-bieb prinċipali tal-istess residenza u dehret ukoll toħroġ ftit tal-ħin wara. Minnufih il-Pulizija waqqfu lil din il-persuna, li rriżulta li kien ċertu Johann Spiteri u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, instab illi dan kien fil-pussess ta' kantuniera tal-plastik li fiha kien hemm trab kannella suspettat eroina. Dan ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri.

Ix-xhud żied jgħid illi ftit tal-ħin wara l-Pulizija lemħu lill-imputat fit-triq, marru fuqu u għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Dak il-ħin stess aċċedew fir-residenza tal-imputat u hekk kif kienu deħlin, huwa beda jgħid lis-sieħba tiegħu, Philianne Ceci, li kien hemm il-pulizija. Fir-residenza sabu lil Philianne Ceci u waqt tfittxija fl-istess residenza ma nstab xejn.

[1] A fol. 12 sa 18 tal-proċess.

Madankollu ġie nnutat illi fil-bir li kien hemm fil-bitħa kien hemm diversi siringi, *foil* maħruq u oġġetti relatati mat-teħid tad-droga. L-imputat ġie arrestat.

In kontro-eżami, li wkoll sar mill-imputat inniffsu, PS 279 Kevin Gauci jixhed illi Johann Spiteri twaqqaf ftit sekondi wara li ħareġ mir-residenza u f'idu kellu pakkett b'sustanza suspettata droga. Ikkonferma li fir-residenza in kwistjoni kien hemm ukoll Philianne Ceci. Fil-ħin illi raw lil Spiteri dieħel u ħiereġ mir-residenza, huma la raw lill-imputat u lanqas lil Ceci ġewwa r-residenza.[2]

**PS 923 Pierre Guido Saliba** jixhed illi waqt osservazzjoni fuq il-fond fl-indirizz 185, Triq Hompesch, Fgura, nhar il-11 ta' Ottubru 2021, dehret persuna ta' sess maskili dieħla fl-istess fond, u ħarġet minnu minnufih. Dan ġie mwaqqaf malli dar il-kantuniera ftit tal-ħin wara li deher ħiereġ mill-imsemmi fond, u fil-pussess tiegħu nstab qartas ossia kantuniera bit-trab ta' lewn kannella. Aktar tard raw lill-imputat ħiereġ mill-istess residenza, waqqfuh u saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, iżda din irriżultat fin-negattiv. Marru sabiex jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza u x'ħin waslu ħdejn il-bieb, l-imputat beda jgħajjat lill-persuna li kienet tinsab ġewwa sabiex tiftaħ għaliex kien hemm il-pulizija. Dak il-ħin huma ħadu pussess taċ-ċavetta tar-residenza li kellu l-imputat, fetħu l-bieb u daħlu ġewwa. Fil-bitħa li tinsab fuq ġewwa nett tar-residenza raw tfajla li rriżultat illi kienet Philianne Ceci, li kienet ġejja lura minn ġol-bitħa. Jgħid illi din bdiet tgħajjat u illi sussegwentement, fil-bir sabu ħafna *foil* u siringi li kienu qegħdin fl-ilma. Żied jgħid illi deher illi Philianne Ceci kienet marret fil-bitħa "*ghal xi haga*".

In kontro-eżami ukoll kondott mill-imputat, ix-xhud jgħid illi hekk kif kienu qed ikellmu lill-istess imputat fid-dar, huwa stess kien qal lill-imputat "*isma' terfghax l-affarijiet li mhumiex tiegħek*", iżda l-imputat baqa' jinsisti li Ceci ma kellhiex x'taqsam u li dak kollu li kien hemm kien tiegħu. Meta ġie ssuġġerit lilu mill-imputat illi huwa kien qal lil Ceci biex ma toqgħodx tinkwieta u illi minħabba t-tfal titfa' kollox fuqu, ix-xhud ikkonferma dan u reġa' rrepeta illi huwa kien qal lill-imputat sabiex ma jerfax dak li ma kienx tiegħu, iżda huwa baqa' jinsisti li kollox kien tiegħu.[3]

**PC 1500 Alfred Cutajar** jixhed illi fil-11 ta' Ottrubru 2012 kellhom struzzjonijiet sabiex jeżegwixxu mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat magħruf bħala l-Bulo. Huwa jgħid illi wara xi ħin josservaw ir-residenza tal-imputat, raw lill-istess imputat ħiereġ mir-residenza fi Triq Hompesch, il-Fgura. Tfittxija fuq il-persuna tiegħu rriżultat fin-negattiv. Żied jgħid li minn tfittxija fir-residenza rriżulta illi fil-kamra tas-sodda fejn kienu jorqdu l-imputat u Philianne Ceci nstabu affarijiet relatati mal-użu tad-droga, għalkemm ma setax jiftakar eżattament x'kienu dawn l-affarijiet. Jgħid ukoll illi minn aktar stħarriġ

---

[2] A fol. 28 sa 30 tal-proċess.
[3] A fol. 31 sa 34 tal-proċess.

li sar, saru jafu li waqt li kienu għadhom barra, Ceci remiet xi ħaġa fil-bir tal-bitħa. Dwar dan jispjega illi fil-bitħa setgħu jinnutaw li xi ħadd kien mess il-ħamrija jew ħaffer fiha, iżda meta fittxew fil-ħamrija ma sabu xejn. Meta daħlu fir-residenza raw lil Ceci fuq in-naħa ta' wara tar-residenza, fin-naħa tal-kamra tas-sodda. Il-bir kien jikkonsisti minn toqba li fih kien hemm ħafna affarijiet mormija bħal *packaging* tas-siringi. Jgħid ukoll illi l-bir kien fuq wara tal-kamra tas-sodda.[4]

**Ex PS 191 Luke Bugeja** jixhed illi waqt sorveljanza fil-konfront tal-imputat, kienu waqqfu persuna – li x-xhud nesa x'jismu – li kien għadu kemm inqeda mingħand l-imputat. Fir-rigward jgħid illi dan kien tefgħalu xi ħaġa mil-*letter box* u raw lit-terz jiġborha, waqqfuh u fuqu sabu ammont żgħir ta' droga suspettat eroina. L-imputat ħareġ mir-residenza wara xi tliet sigħat u ġie mwaqqaf. Ma nstab xejn illegali fuq il-persuna tiegħu. Dak il-ħin stess daħlu ġewwa r-residenza sabiex jagħmlu tfittxija u hekk kif fetaħ il-bieb, l-imputat għajjat lis-sieħba tiegħu u qalilha li miegħu kien hemm il-pulizija. Huma daħlu jiġru u hu nzerta lis-sieħba tal-imputat fil-bitħa, tarmi xi affarijiet konnessi mad-droga fil-bir u hu waqqafha minnufih. Jgħid illi l-oġġetti ma nġabrux, iżda fil-bir kien hemm *foil,* miżien elettroniku, siringi u affarijiet simili, liema oġġetti huwa seta' jarahom mill-bokka tal-bir. Għalkemm ippruvaw jirkupraw dawn l-oġġetti, dan ma kienx possibbli għax mal-ħin dawn bdew jgħerqu.

In kontro-eżami ix-xhud jixhed illi mir-residenza tal-imputat, senjatament mil-*letter box* twaddab xi ħaġa l-barra, iżda ma setax jgħid min kien waddab dan l-oġġett. Jgħid ukoll illi t-terz ġabar dan l-oġġett mit-triq ossia mill-art, eżattament minn quddiem id-dar tal-imputat. It-terz twaqqaf u fuqu nstabet id-droga. Max-xhud kien hemm tliet pulizija oħrajn u lkoll marru wara t-terz, f'liema ħin quddiem ir-residenza tal-imputat ma baqa' ħadd u għalhekk ix-xhud ma jafx jekk fil-frattemp daħalx jew ħariġx xi ħadd mir-residenza tal-imputat.

In ri-eżami spjega illi l-Pulizija raw xi ħaġa ħierġa mil-*letterbox* u ċioe` mis-*slot* li kien hemm fil-bieb tal-*aluminium* qabel il-bieb tal-injam li kien jagħti għar-residenza imsemmija. Minn ġo din is-*slot* deher jitwaddab 'il barra pakkett li minnufih inġabar mit-terz, li meta ġie arrestat irriżulta li kien fih id-droga. Il-pulizija raw biss l-oġġett jintrema 'l barra imma ma rawx min kien hemm fuq ġewwa tar-residenza stante illi kienu l-bogħod.

In kontro-eżami xehed illi t-terz ma kienx semma mingħand min kien ġab id-droga u lanqas ma implika lill-imputat. Spjega illi bejn l-arrest tat-terz u l-arrest tal-imputat laħqu għaddew madwar tliet sigħat u illi l-imputat ġie mwaqqaf hekk kif ħareġ mir-residenza, meta huma rawh għall-ewwel darba.[5]

---

[4] A fol. 60 sa 65 tal-proċess.
[5] A fol. 68 sa 77 tal-proċess.

Da parti tad-difiża, l-imputat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. B'referenza għall-istqarrija rilaxxjata minnu fil-11 ta' Ottubru 2012, huwa jikkonferma li dakinhar kien assuma responsabilita` dwar traffikar ta' droga. Fil-fatt fl-istqarrija tiegħu, l-imputat ammetta illi dakinhar stess għall-ħabta tad-9.00 a.m., huwa kien forna d-droga eroina f'pakkett b'piż ta' 0.1 grammi lil terz, li kien mar id-dar tiegħu sabiex jakkwista d-droga. Qal ukoll illi kien ilu madwar erba' xhur iforni d-droga u illi kull 0.1 grammi eroina kien ibiegħha bil-prezz ta' għaxar ewro (€10). Dan kien jagħmlu għaliex kellu l-vizzju tad-droga u mhux sabiex jaqla' l-flus. Is-sieħba tiegħu Philianne ma kinitx involuta fit-traffikar tad-droga. Stqarr ukoll illi ġieli rema xi oġġetti fil-bir tar-residenza tiegħu, bħal miżien u *mobile phone*.

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jikkonferma wkoll illi sussegwentement fl-20 ta' Ġunju 2013, huwa rrilaxxja stqarrija oħra, wara li talab il-permess tal-Qorti sabiex jitkellem mal-Ispettur u illi biddel il-verżjoni mogħtija minnu fl-ewwel stqarrija, billi rtira l-ammissjoni tiegħu in kwantu t-traffikar tad-droga. Meta saret referenza lilu għal din it-tieni stqarrija, l-imputat ikkonfermaha bil-ġurament.

F'din it-tieni stqarrija tiegħu, l-imputat jgħid illi ma kienx korrett f'dak illi kien qal meta rrilaxxja l-ewwel stqarrija. Jgħid illi d-dikjarazzjonijiet illi għamel f'dik l-istqarrija kienu motivati mill-fatt illi ried joħroġ ta' raġel mas-sieħba tiegħu billi jerfa' l-piż u r-responsabilita` għaliha hu, filwaqt illi hi terfa' r-responsabilita` u tieħu ħsieb lil uliedhom. Madankollu, il-verita` kienet dik li kien ser jgħid dakinhar u kien lest li jikkonfermaha bil-ġurament. Stqarr illi huwa kien jgħix fir-residenza bl-isem 'New York, fi Triq Hompesh, il-Fgura flimkien mas-sieħba tiegħu Philianne Ceci, li kienet tħallas il-kera mill-flus li kienet iddaħħal mill-bejgħ tad-droga. Jgħid illi dak iż-żmien kemm hu, kif ukoll Ceci kellhom il-vizzju tad-droga u illi Ceci ma kinitx tbiegħ id-droga biex tagħmel il-flus, iżda biss biex tmantni l-vizzju tagħhom. Dakinhar tal-11 ta' Ottubru 2012 huwa ħareġ mill-imsemmija residenza u minnufih malli qasam faċċata, huwa ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv u minn hemm ġie skortat lura lejn id-dar tiegħu. Meta ħabbat il-bieb, huwa avża lil Ceci li miegħu kien hemm ukoll il-Pulizija. Jgħid illi Ceci marret tarmi xi affarijiet li setgħu jinkriminawha fil-bir li kellhom fil-bitħa. Dan rawh il-Pulziija stess meta raw lil Ceci ġejja lura minn ħdejn il-bir. Stqarr illi dakinhar tal-arrest tiegħu huwa għażel li jieħu responsabilita' għal dak illi kien ġara bl-iskop illi lil Ceci jaqlagħha l-barra u hi tkun tista' tibqa' tieħu ħsieb lit-tfal. Jgħid illi madankollu, il-vizzju tagħhom baqa' għaddej bir-riżultat illi la kellhom flus u lanqas fejn jabitaw. Konsegwentement f'Diċembru 2012 huwa wettaq serqa ġewwa *Confectionery* sabiex ikunu jistgħu jmantnu l-vizzju. Jgħid illi huwa lil Ceci kien iħobbha, illi kellu żewġt ibniet magħha, illi huwa ma ridiex tipprostitwixxi ruħha, u stante li ma baqgħetx tbiegħ droga, kien imiss lilu li jakkwista l-flus. Jgħid illi huwa tressaq il-Qorti dwar din is-serqa fl-1 ta' Jannar

2013 u anke hawn, reġa' refa' r-responsabilita` kollha waħdu, minkejja li hija kienet ukoll kompliċi miegħu u dan sabiex hi tkun tista' tieħu ħsieb lit-tfal li issa kien jinsabu f'istitut. Jgħid illi huwa kien qed jagħmel din l-istqarrija għaliex waqt li kien qed jiskonta l-piena karċerarja tiegħu in konnessjoni ma' din is-serqa, Philianne marret tarah il-ħabs, darba minnhom ma' ommu, u kienet fi stat ħażin ħafna minħabba d-droga. Huwa talab lill-ommu sabiex tgħin lil Philianne u din aċċettatha ġewwa darha biex tagħtiha l-appoġġ u l-għajnuna li kellha bżonn biex toħroġ mill-vizzju tad-droga, iżda Philianne ma kinitx mara u telqet mid-dar ta' ommu biex tkompli fil-ħajja tad-droga. Għalih Ceci ġabet id-droga qabel it-tfal. Għalhekk ħass illi kellu jgħid il-verita` sabiex hekk kif jiskonta s-sentenza u filwaqt li kien qed jistenna biex jibda programm mal-Aġenzija Caritas, huwa jkun jista' jerfa' r-responsabilita` għal uliedu u joħroġhom mill-istitut.

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat jiċħad illi huwa kien traffika d-droga u jikkonferma li kellu l-vizzju tad-droga, kif ukoll illi ma kienx għadu fil-vizzju. Jgħid illi kien ilu sentejn li waqaf jagħmel użu mid-droga. Kien qed jieħu l-*methadone* u kien jinsab stabbli. Jgħid ukoll in kontro-eżami li ma kellux impjieg.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi minkejja li fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2017, wara li xehed l-imputat, id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u sabiex għal dan il-għan tkun tista' tressaq provi li juru li r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jissussistu, u minkejja wkoll illi l-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija, id-difiża baqgħet ma ġabet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Anzi wara sensiela ta' seduti fuq medda ta' iżjed minn sentejn li fihom ma sar xejn prinċipalment għaliex l-imputat baqa' ma deherx, minkejja li kien debitament notifikat, id-difiża ddikjarat li kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha u f'seduta sussegwenti għaddiet għat-trattazzjoni finali.

Illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat ossia dik li tikkontempla t-traffikar tad-droga eroina, hija msejjsa fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-11 ta' Ottubru 2012, f'liema stqarrija huwa kien stqarr illi kien hu li dakinhar forna d-droga eroina lil persuna li kienet marret sabiex takkwista d-droga minn ġewwa daru u illi kien ilu jagħmel dan għal dawk l-aħħar erba' xhur sabiex imantni l-vizzju tiegħu. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat ma jiċħadx illi kien proprju dan li kien stqarr lill-Pulizija fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu, iżda jiċħad li dan kien minnu u illi l-verita` kienet dik kontenuta fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu wara l-bidu tal-proċeduri odjerni, fl-20 ta' Ġunju 2013.

[6] A fol. 86 sa 93 tal-proċess.

Jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi fil-jum in kwistjoni, waqt illi l-Uffiċjali tal-Pulizija kienu qegħdin iwettqu osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat ġewwa l-Fgura, huma raw persuna tavviċina l-fond in kwistjoni u skont PS 279 u PS 923, din il-persuna dehret tidħol wara l-bieb prinċipali tal-istess residenza u toħroġ ftit tal-ħin wara, filwaqt illi skont ex PS 191 Luke Bugeja, twaddbet xi ħaġa mil-*letterbox* tal-istess residenza u l-persuna in kwistjoni minnufih tbaxxiet sabiex tiġborha. Fi kwalunkwe każ, din il-persuna twaqqfet u rriżulta illi dan kien ċertu Johann Spiteri, li fil-pussess tiegħu – skont PS 279 f'idu - kellu qartas bi trab kannella, suspettat eroina. Il-Qorti m'għandhiex dubju mis-sekwenza tal-fatti kif xehdu dwarhom l-Uffiċjali tal-Pulizija msemmija, kemm jekk kienu kif xehdu dwarhom PS 279 u PS 923, kif ukoll jekk seħħew kif spjega ex PS 191, illi Spiteri kien għadu kif akkwista s-sustanza in kwistjoni mir-residenza ġewwa l-Fgura u dan kif evidenti mill-fatt illi hekk kif ġie immedjatament imwaqqaf mill-Pulizija, din is-sustanza kienet tinsab proprju f'idu.

Jirriżulta daqstant ċar illi fil-fond in kwistjoni kienu jirrisjedu kemm Ceci, kif ukoll l-imputat odjern, kif evidenti kemm mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li wettqu t-tfittxija fir-residenza, kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputat u illi ħadd mill-istess Uffiċjali tal-Pulizija ma kien ra min minnhom kien għadda s-sustanza lil Spiteri. Johann Spiteri baqa' ma ttellax bħala xhud f'dawn il-proċeduri, u għalhekk lanqas minn dan il-lat, ma jirriżultax min kien fornih bid-droga.

Jirriżulta wkoll illi tfittxija li twettqet fuq il-persuna tal-imputat hekk kif huwa ħareġ mir-residenza ħin wara li ġie arrestat Johann Spiteri, irriżultat fin-negattiv. Lanqas matul it-tfittxija li twettqet ġewwa r-residenza tal-imputat u ta' Ceci, ma nstabu sustanzi lleċiti, għalkemm fil-bir ġewwa l-bitħa tar-residenza ġew osservati *foil*, miżien u xi siringi jew oġġetti relatati mal-użu tad-droga. Mhuwiex inverosimili, iżda anzi tassew probabbli, illi xi wħud minn dawn l-oġġetti kienu għadhom kif intremew minn Ceci stess, tant illi x'ħin daħlu fir-residenza, u wara li hekk kif kienu deħlin, l-imputat avżaha li kien hemm il-Pulizija, din ġiet osservata ġejja lura proprju mill-bitħa tal-fond. Anzi ex PS 191 Luke Bugeja jixhed illi huwa nzerta lil Ceci tarmi xi affarijiet konnessi mad-droga fil-bir u hu waqqafha minnufih. Skont ix-xhud, l-oġġetti li huwa seta' josserva fil-bir kienu għadhom kif intremew, tant illi dawn kienu fil-wiċċ fejn setgħu jarawhom, iżda l-irkupru tagħhom kien diffiċli stante illi mal-ħin dawn għerqu u ma baqgħux jidhru.

Il-pern li dwaru jeħtieġ li tiddeċiedi l-Qorti huwa dwar liema mill-verżjonijiet provduti mill-imputat għandha titwemmen, ossia jekk kienx hu li dakinhar forna u li fl-erba' xhur ta' qabel kien iforni d-droga eroina lil terzi jew jekk kinitx Ceci li kienet għamlet dan. Il-Qorti m'għandhiex dubju illi kemm l-imputat kif ukoll Ceci kienu afflitti bil-vizzju tad-droga, kif jgħid l-imputat fit-tieni stqarrija tiegħu, iżda mill-bqija, fid-dawl tar-rimanenti provi, ma tistax tasal għall-konklużjoni fil-

grad rikjest mil-liġi, illi kien proprju hu li fil-jum in kwistjoni forna d-droga eroina lil Spiteri u li għamel dan fix-xhur ta' qabel. Fl-atti m'hemm xejn li jsostni verżjoni u mhux oħra, li wara kollox huma t-tnejn plawsibbli. Kif ingħad, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma tellatx lil Spiteri sabiex jixhed, inkluż dwar min kien fornih bid-droga fil-jum in kwistjoni, lanqas ma aċċennat dwar jekk fil-pussess ta' Spiteri nstabx xi *mobile phone* li seta' jindika min kien il-fornitur tiegħu, kif lanqas ma ndikat jekk instabx *mobile phone* fil-pussess tal-imputat jew ta' Ceci, li wkoll setgħu jipprovdu indizji ulterjuri dwar dan. Il-Prosekuzzjoni għażlet li tistrieħ interament fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan minkejja li anke sakemm kienu għadhom fil-fond in kwistjoni, PS 923 diġa` kien wera ċerti dubji meta intima lill-imputat sabiex jerfa' biss ir-responsabilita` ta' dak li kien tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* illi tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, a bażi biss tal-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu.

Konsegwentement, la darba l-Qorti m'hijiex issib reita` fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, lanqas ma tista' ssib illi huwa reċidiv ai termini tat-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Jon Lawrence Formosa** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat